**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 30

It-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2012

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Vici Sindku Msida, is-Sur Horace Anastasi, Sindku Sta. Venera u s-Sur Michael Fenech Adami, Sindku Birkirkara.

Is-Sinj. Annhelica Agius, Vici Sindku Tal-Pieta`, is-Sinj. Antoinette Vassallo, Sindku Ta' Xbiex u Dr. John Zammit Montebello, Sindku Hal Balzan infurmaw li ma setghux jattendu u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

Qabel bdiet is-Seduta, il-President informa li minhabba li l-Kumitat ilu jiddiskuti ghal hafna drabi il-kuntratt ma' Datatrak u qabel din is-Seduta, intalbu wkoll xi kjarifiki mis-Sur Joe Camilleri, kien talab lil Datatrak jigu jiltaqghu mal-Kumitat. Ghal dan il-ghan kienu prezenti s-Sur Joe Fenech Conti u s-Sinj. Rachael Bailey minn Datatrak.

Is-Sur Joe Camilleri qal li hu jhoss li kien zgwidat mis-Sinj. Bailey meta fil-laqgha li r-Regjun kellu maghha, qalet li l-kuntratt kien ghalaq meta fil-verita` dan kien ghadu m'ghalaqx.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-minuti ma kienx hemm li r-Regjun ghandu jerga' jiltaqa' ma' Datatrak. Il-President qal li hu kien talab li jattendu ghal din il-laqgha wara e-mail li kellu minghand is-Sur Joe Camilleri li xtaq aktar kjarifiki u minhabba li hu ma kienx partecipi fil-kuntratt mal-Kumitati Kongunti.

Is-Sur Joe Fenech Conti qal li zgur li kien hemm xi forma ta' *misunderstanding* dwar id-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt. Huwa qal li sadanittant kien sar *meeting* mas-Sur Etienne Bonello DuPuis u gie ccarat ix-xoghol li taghmel Datatrak bhala parti mill-kuntratt.

Is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-*issue* tas-Sur Etienne Bonello DuPuis kienet dwar il-fatt li ghalaq it-tender u jrid johrog iehor gdid.

Is-Sur Joe Fenech Conti spjega l-*options* li ghandu quddiemu r-Regjun fir-rigward tal-kuntratt ma' Datatrak. L-ewwel *option* hija li r-Regjun jista' jibghat it-Termination Notice lil Datatrak meta jidhirlu u minn dakinhar jiskattaw is-sentejn li fihom ghandhom isiru l-preparamenti sabiex wara dawn is-sentejn jibda jopera kuntratt gdid jew l-*option* l-ohra li r-Regjun jestendi l-kuntratt ma' Datatrak ghall-perjodu fiss ta' hames snin u jibbenefika minn *reductions*, *enhancements* etc fis-servizz.

Is-Sur Peter Bonello qal li ghalih li jinteressah huwa x'se jiggwadanja r-Regjun bil-kuntratt il-gdid.

Is-Sur Joe Camilleri sostna li hu jrid ikun cert li r-Regjun qed jimxi b'mod korrett.

Il-President qal li r-Regjun ghandu quddiemu dawn iz-zewg *options*. Sadanittant ir-Regjun jistenna r-risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minhabba li sa llum ghad m'hemmx risposta.

Is-Sur Joe Fenech Conti kkonferma li d-data li ghandha Datatrak hija tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 29 li saret nhar l-Erbgha, 5 ta' Settembru, 2012, kienu approvati unanimament.

## LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM – UPDATE

L-Authorised Officer ipprezenta data ta' Settembru '12 dwar l-LES (Appendici A). Il-President issugerixxa li ssir evalwazzjoni ta' din id-data u wara jsir *review* dwar il-Guard and Warden. Kien hemm qbil dwar dan.

## L-ARKIVJI TAR-REGJUN

Il-President qal li bhalissa r-Regjun qed jikri l-post ta' Bahar ic-Caghaq sabiex jigu *stored* id-dokumenti kollha relatati mat-Tribunal. Id-direttiva hija li dawn id-dokumenti ghandhom jinzammu sa ghaxar snin. Minhabba l-volum ta' dokumenti li s-sistema tiggenera, il-President issugerixxa li multi antiki jibdew jigu *scanned*. Il-Kumitat unanimament qabel li tohrog sejha ghall-offerti sabiex jibda jsir *scanning* ta' multi antiki.

Waqt din id-diskussjoni hareg ukoll il-htiega ta' servizz ta' persuna li tifformula d-dokumenti tat-tenders. Fuq proposta tas-Sur Michael Fenech Adami, il-Kumitat qabel ukoll li tohrog sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' persuna li tifformula t-tenders.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

***Servizz ta' Prosekutur***
Il-President informa lill-Kumitat li diga hemm *draft* ta' dan it-*tender* u li qed jigi diskuss bejn ir-Regjuni. Huwa qal li hemm zewg *options* kif jista' jinhareg dan it-*tender*; jew jintalab servizz ta' Prosekutur biss jew jizdied mieghu is-servizz ta' *debt collection* u servizzi legali ohra. Kien hemm qbil li kif jigi finalizzat id-*draft*, dan jitressaq quddiem il-Kumitat.

***Ufficcju ghar-Regjun***
Il-President qal li kien tkellem mad-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar il-possibilta` li r-Regjun jiehu parti mill-post fejn kien l-isptar San Luqa sabiex ikun l-ufficcju tieghu. Madankollu gie nfurmat li l-post huwa f'idejn il-Malta Industrial Parks u huwa ppjanat li jintuza mod iehor.

Ghalhekk gie deciz li tinhareg sejha ghall-interess ghal post b'*area* ta' madwar 500m² u li jkun f'lokal li jaghmel parti mir-Regjun Centru.

F'dan l-istadju talbet li tigi skuzata mis-Seduta s-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai minhabba impenji ohra.

***L-Appell dwar is-servizz ta' l-Authorised Officer***
Il-President informa lill-Kumitat li l-Appell ta' Synthesis dwar it-tender ta' l-Authorised Officer intlaqa' u r-Regjun qed jigi mitlub li s-sejha ghall-offerti ghal dan is-servizz terga' tinhareg.

Il-President qal li r-rwol ta' l-Authorised Officer illum inbidel kompletament u ghalhekk ippropona li jsir xi tibdil fis-sejha li trid tohrog mill-gdid. Illum l-istruttura inbidlet ghax fejn qabel l-Authorised Officer kellu l-impjegati mieghu, llum dawn huma impjegati tar-Regjun. Mil-lat amministrattiv illum qed jiehu hsieb is-Segretarju Ezekuttiv filwaqt li fit-Tribunal hemm ir-Registratur. Ghalhekk ir-Regjun irid jara x'inhuma d-duties ta'l-AO illum u li fl-opinjoni tieghu ix-xoghol l-aktar mehtieg minnu huwa sorveljar ta' x'qieghed jigri barra mill-gwardjani lokali. Il-President qal li jekk issa hemm l-opportunita` li jistghu jinbidlu certu affarijiet, ir-Regjun ghandu jiehu c-cans u jbiddel.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sur Peter Bonello, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 30. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fit-3.30pm talab li jirtira mis-Seduta l-President minhabba impenji ohra u ghalhekk intemmet is-Seduta minhabba nuqqas ta' kworum.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President